MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2013

Appell Kriminali Numru. 41/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Schiro`**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni dedotta mill-Pulizija Eżekuttiva kontra John Schiro`, detentur tal-karta tal-Identita` bin-numru 951850(M), talli bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Att Nru. XXIII ta’ l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta’ l-istess Att, fit-23 ta’ Ottubru 2010 ġewwa l-Farmer’s Market, Ta’ Qali, jew hu jew impjegati tiegħu jew xi persuna oħra li kienet qed taġixxi għan-nom tiegħu, espona oġġetti għall-bejgħ waqt li kien sprovvist minn *cash register* fiskali li jikkonforma mal-ħtiġijiet speċifikati fit-Tlettax-il Skeda li

tinsab ma’ l-Att ta’ l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 3 ta’ l-imsemmija Skeda u l-artikoli 81 u 82(2) ta’ l-Att Nru. XXIII ta’ l-1998;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tal-25 ta’ Jannar 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti, wara li rat 1-artikoli 51 u 77(o) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta’ Malta kif ukoll il-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-Tlettax-il Skeda ta’ l-istess Kap. 406., sabet lill-imsemmi John Schiro` ħati ta’ l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu multa ta’ disa’ mitt euro (€900);

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi John Schiro` li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u b’hekk tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija; fin-nuqqas, u alternattivament, fil-każ ta’ sejbien ta’ ħtija, tingħata piena konfaċjenti mal-ħtija tiegħu jew li tinżel taħt il-minimu minħabba r-raġunijiet speċjali msemmija fl-istess rikors;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-appellant u n-nota responsive ta’ l-Avukat Ġenerali; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-appellant għandu numru ta’ aggravji. L-aggravju prinċipali hu li huwa mhuwiex persuna reġistrata kif indikat fiċ-ċitazzjoni. Jgħid illi l-prosekuzzjoni ressqet biss sempliċi formula li kien mela hu stess u li ma tfissirx li ġiet aċċettata jew li huwa ġie reġistrat mad-Dipartiment. Dokument ieħor li ġie ppreżentat jindika *business address* u *vat number* differenti għan-negozju ġewwa l-Belt Valletta, liema negozju m’għandux x’jaqsam ma’ dak li ġie akkużat bih, u liema indirizz sar Uffiċċju Ministerjali. Skond l-appellant, kien tkellem ma’ Paul Scicluna li kien infurmah illi ma kienx persuna reġistrata u li ċ-ċitazzjoni ma jmisshiex ħarġet. Jgħid illi pprova jtella’ lill-imsemmi Paul Scicluna bħala xhud iżda l-ewwel Qorti ma laqgħetx it-talba billi sostniet li din kienet kawża sommarja.

**6.** Issa, din il-Qorti trid tosserva fl-ewwel lok li dak li l-appellant jgħid fir-rikors ta’ appell tiegħu – li talab biex itella’ lil Paul Scicluna bħala xhud u t-talba tiegħu ġiet miċħuda – jikkontrasta mal-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Jannar 2012 mnejn ma jirriżultax li ġiet verbalizzata tali talba; anzi dak li ġie verbalizzat hu: “L-imputat iddikjara li mhux ser jixhed u li m’għandux provi xi jressaq.” Ciononostante, waqt it-trattazzjoni d-difensur ta’ l-appellant ikkonferma li hu stess kien kellem lil Paul Scicluna u dan qal id-diskors riportat fir-rikors ta’ appell. Kien proprju għalhekk li din il-Qorti talbet lir-rappreżentanta tal-Kummissarju tal-VAT, Connie Azzopardi, sabiex tagħmel il-verifiki neċessarji. Din il-Qorti, fi kwalunkwe każ, tħoss illi huwa suffiċjenti li tissofferma fuq il-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti u li ġew ikkonfermati quddiem din il-Qorti.

**7.** L-appellant jinsisti li mhuwiex persuna reġistrata. Il-provi miġjuba mill-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Qorti u kkonfermati quddiem din il-Qorti, juru l-kuntrarju. L-ewwelnett, kif jidher miċ-ċitazzjoni stess, l-appellant ġie ndikat li għandu n-numru ta’ reġistrazzjoni tal-VAT 1459-7637. Il-*letter to prosecute* (a fol. 8) tikkontjeni l-istess partikolaritajiet li hemm fiċ-ċitazzjoni, inkluż in-numru tal-VAT. Il-formula (a fol. 9) li l-appellant jammetti li mela hu stess tikkontjeni, fit-tieni faċċata fil-parti ta’ isfel, kaxxa intestata “Għall-użu uffiċjali” – jiġifieri li ma setax mela hu. Proprju isfel nett hemm in-numru ta’ reġistrazzjoni tal-VAT li huwa ngħata, 1459-7637. Dan ifisser, kuntrarjament għal dak li jippretendi l-appellant, li l-applikazzjoni tiegħu ġiet aċċettata, tant li ngħata n-numru tal-VAT. L-i*spot-check inspection sheet* (a fol. 11) tipprovdi l-istess numru tal-VAT ta’ l-appellant. M’hemmx dubju li kien l-appellant personalment li kien fil-Farmer’s Market, Ta’ Qali fit-23 ta’ Ottubru 2010 mnejn kien qiegħed ibiegħ għasel ta’ Malta u xi ġulepp tal-ħarrub.

**8.** Għal dak li jirrigwarda l-indirizzi differenti, mhijiex ħaġa insolita li tul is-snin ikun hemm kambjament ta’ l-indirizz tan-negozju jew ta’ residenza. Iżda kif jirriżulta mid-dokumenti msemmija, il-persuna hija l-istess waħda, cioe` l-appellant.

**9.** Intqal ukoll mill-appellant li hemm differenza bejn li tbiegħ dawk il-prodotti u li timmanifattura ikoni (bħalma semma fl-applikazzjoni għal reġistrazzjoni). Fl-imsemmija applikazzjoni, pero`, il-manifattura ta' ikoni ġiet indikata bħala l-attivita` ekonomika principali. Imbagħad dak li kien qiegħed iwettaq l-appellant kienet attivita` ekonomika li dwarha huwa doveruż li tinħareġ riċevuta fiskali. L-għamla ta' tali riċevuta tirriżulta mit-tielet partita tat-Tlettax-il Skeda tal-Kap. 406 li tipprovdi hekk:

**"3. (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-partiti 4, 5, 6 u 7 ta' din l-Iskeda, riċevuta fiskali li tinħareġ minn persuna li tkun bejjiegħa bl-imnut jew li n-negozju tagħha jinkludi provvisti ta' ikel imsemmija fil-partita 2 tat-Taqsima Ħamsa tal-Ħames Skeda li tinsab ma' dan l-Att għandha tinħareġ permezz ta'** ***cash register*** **fiskali: iżda għar-rigward ta' xi provvista li ssir minn dik il-persuna f'xi żmien li matulu hija ma tkunx tista' għal raġuni valida, toħroġ riċevuta fiskali permezz ta'** ***cash register*** **fiskali, hija għandha toħroġ riċevuta fiskali f'għamla li tiġi provduta mill-Kummissarju."**

**10.** Fil-ġurnata in kwistjoni l-appellant kellu riċevuti fiskali manwali iżda ma kellux *cash register*. Skond id-difensur ta' l-appellant, dan kien in vista ta' direttiva tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura. Filwaqt illi jingħad illi l-appellant ma pproduċa l-ebda prova ta' dan, jekk stess kien hemm tali direttiva din mhijiex raġuni valida skond il-liġi. Kif jipprovdi l-artikolu 3(1) tal-Kap. 406, l-amministrazzjoni ta' l-Att hija vestita fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud – mhux, allura, fid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

**11.** L-appellant isostni wkoll illi f'dan il-każ għandu japplika l-Avviż Legali 524/2010, cioe` r-regolamenti tal-2010 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Eżenzjoni minn Reġistrazzjoni). L-appellant, pero` m'għandux raġun għax filwaqt illi l-każ jirreferi għat-23 ta' Ottubru 2010, dawn ir-regolamenti, li ġew pubblikati fis-17 ta' Diċembru 2010, ġew fis-seħħ – bis-saħħa tas-subinċiż (2) tar-regolament numru wieħed (1) – fl-1 ta' Jannar 2011.

**12.** L-appellant jgħid li mhuwiex *retailer* iżda kien qiegħed ibiegħ prodott li jagħmel hu stess. Nonostante illi kien qiegħed ibiegħ prodott li jagħmel hu stess, m'hemmx dubju li kien qiegħed ibieghu *on a retail basis*. Evidenza ta' dan hija l-irċevuta li sabulu l-ispetturi tal-VAT. Emanuel Azzopardi jgħid illi l-appellant kellu riċevuta waħda ta' dik il-ġurnata stess – mhux, mela, kif l-appellant jgħid fir-rikors ta appell tiegħu, riċevuta antika. Jiġifieri kien qiegħed fil-Farmer's Market jagħmel attivita` ekonomika.

**13.** L-aħħar aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. Din il-Qorti temmen illi l-appellant verament ħaseb illi seta' juża riċevuti fiskali manwali u difatti jirriżulta li fil-ġurnata in kwistjoni kien għamel almenu bejgħ wieħed li għalih kien irrilaxxja riċevuta. Pero` l-liġi hi dik li hi. Skond is-subartikolu (4) ta' l-artikolu 83 tal-Kap. 406, l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali (li tippermetti lill-Qorti tagħti piena taħt il-minimu) u l-Att dwar il-*Probation* "ma għandhomx japplikaw dwar xi sejbien ta' ħtija taħt dan l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud". Għalhekk din il-Qorti ma tistax, kif talab l-appellant, tagħti piena taħt il-minimu. Huwa l-każ, pero`, fiċ-ċirkostanzi, u konsiderando l-fedina penali kważi għal kollox netta tiegħu, li tagħti l-piena minima possibbli skond l-artikolu 77 tal-Kap. 406.

**14.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-imsemmi John Schiro` għall-ħlas ta' multa ta' disa' mitt euro (€900), u minflok tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' seba' mitt euro (€700). Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------